GHASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Ghasri, Ghawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/11*

Minuti tal-Laqgha Nru. 11 tal-Kunsill Lokali Ghasri (is-Sitt Terminu), li nzammet nhar l-Erbgha 25 ta' Frar 2009 fis-6.30p.m. fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu prezenti :
Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sur Joseph Farrugia
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina ma setghetx tattendi ghal din il-laqgha

**I. Talba**
Fil-bidu tal-laqgha s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**
**I. Approvazzjoni**
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-ahhar Seduta Nru. 10. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgha, dawn gew mehuda bhala moqrija.

**2. Emendi**
Ghal dawn il-minuti ma tressqux proposti ghal emendi. Ghalhekk dawn gew mehuda bhala korretti kif ipprezentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

**III. Materji mill-Minuti**
**1. "Speed Moderators"**
Il-Kunsill innota li tressqu suggerimenti minn residenti ta' Triq il-Fanal biex wahda minn dawn li "speed moderators" tinqala' minn fejn twahhlet u titwahhal aktar 'l fuq fl-istess triq. Il-Kunsill accetta dan is-suggeriment.
**2. Drenagg fi Triq il-Wilga**
Ix-xoghol fuq din is-sistema tad-drenagg qed ikompli. Peress li ghaddejjin hafna cables minn taht l-art, u anke ghaliex is-sistema l-antika tad-drenagg hi ghaddejja fil-fond hafna, x-xoghol qed jiehu aktar fit-tul.
**3. Tiswijiet fi Triq il-Fanal**
Peress li s'issa kienet qed taghmel hafna xita ma kienx possibbli li ssir it-tiswija fit-toroq u ghalhekk kien gie deciz li t-tiswija fi Triq il-Fanal fejn ma hemmx tarmac, issir bil-konkrit. Hekk kif it-temp ikun aktar stabbli ghandha ssir tiswija fit-toroq kollha bil-cold mix.

**IV. Korrispondenza**

i. Cirkulari mill-AKL fejn qed tavza laqgha mportanti nhar il-Hamis 19 ta' Frar fil-Ministeru ghal Ghawdex fejn se tkun diskussa s-sistema tal-infurzar lokali.

ii. Is-Segretarju Parlamentari Chris Said baghat jaghti nformazzjoni dwar l-attivita biex ma tinheliex energija elettrika li qed issir bhalissa fil-pajjiz. Fl-Ghasri ghandhom jitqassmu posters u wkoll jittellghu zewg boards fejn issir propaganda biex jitnaqqas il-hela ta' l-energija.

iii. Applikazzjoni ghal permess ta' l-izvilupp fi Triq il-Fanal u Triq Wied Sara biex isir tibdil fil-pjanti bhala abitazzjoni.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Process tal-Gemellagg**

L-applikazzjoni ghal-ghajnuna mill-fondi tal-EU biex tkopri parti mill-ispejjez tal-gemellagg, giet sottomessa fil-15 ta' Frar peress li din kienet se taghlaq fl-ewwel ta' Marzu.

Rigward il-post fejn se jkunu alloggjati meta jigu jszuruna l-grupp li se naghmlu gemellagg maghhom, il-Kunsill qabel li l-ahjar li joqghodu fil-Villagg tal-Fanal li qieghed fl-Ghasri stess. B'kollox konna gbarna tliet kwotazzjonijiet minn tliet lukandi differenti u sibna li tal-Villagg tal-Fanal kienet ukoll l-irhas.

Ghalhekk ghamilna arrangamenti mal-propjetarji ta' dan il-Villagg tal-Fanal fejn huma qed jaghtuna l-alloggjar kollox inkluz tal-breakfast u bl-uzu tal-pool ghall-prezz ta' madwar €3000 ghal 32 persuna fuq hames iljieli.

Kien deciz li ghalhekk l-ahjar li nikru 9 units u jkun hemm flat iehor ghall-breakfast. B'kollox se jigu 35 persuna mill-Awstrija izda 3 minnhom se joqoghdu gol-farmhouse ta' Gudrun Moggach li qeghda tikkordina dan il-progett ta' gemellagg.

Minn dan il-grupp se jkun hemm numru ta' madwar sitta li qed jitghalmu l-muzika fl-iskola tal-muzika fl-Awstrija. Gie ssuggerit li meta dawn ikunu hawn, jiehdu sehem bil-muzika waqt il-quddiesa ta' filghaxija tal-Hamis. Dawn l-istess muzicisti se jkunu mistiedna li jdoqqu waqt l-ikla tradizzjonali li tinzamm nhar il-Gimgha qabel il-festa.

Sadanittant, diga thejja l-programm ghall-migja ta' dan il-grupp, izda jista' jkun fih xi tibdiliet skond ic-cirkostanzi.

Is-Sindku ssuggerixxa li jitwaqqaf sotto-kumitat halli jkun jista' jikkordina din l-okkazjoni tal-gemellagg tal-lokal taghna ma' lokal iehor li se jkun uniku ghal pajjizna peress li hu l-ewwel tax-xorta fejn sar xi gemellagg ma' post fl-Awstrija.

Is-Sindku qal li hu diga kkuntattja lis-Sur George Attard u lil Ms Carmen Grech biex inzommu laqghat halli nkunu nistghu nfasslu program dettaljat ghall-okkazjoni.

Is-Sur Emm. Mintoff issuggerixxa li kif dan il-grupp ikun hawn nistghu nehduhom nuruhom xi attivitajiet tradizzjonali lokalment bhal ma hu l-halg tat-tajjar u xoghlijiet tradizzjonali ohra.

**2. Progett ta' Triq Dun Karm Caruana**

Is-sejha ghall-offerti ghax-xoghol konness ma' Triq Dun Karm Caruana, issa gie ppubblikat fil-gazzetta tal-Gvern kif ukoll ghal darba fil-gazzetta "The Malta Independent". L-offerti jaghlqu fil-5 ta' Marzu 2009.

Ix-xoghol fuq din it-triq jinbeda wara l-festa u mbaghad isir b'tali mod li jinqabad l-ilma kollu li jakkumula fil-pjazza meta taghmel hafna xita.

**VI Materji Ohra**

**1. Kostruzzjoni ta' Hajt tas-Sejjieh**

Is-Sindku ressaq ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill, proposta biex jinbena hajt tas-sejjieh tul it-triq fuq ir-rih tal-Wied ta' Felici fi Triq il-Fanal.

Il-Kunsill iddiskuta dan is-suggett u kkonkluda li jinbena hajt kif issuggerit izda ma ghandux ikun aktar minn 60cm gholi halli ma jaghlaqx il-veduta ghal fuq l-eghlieqi.

**2. Tiswija fi Triq il-Gallina**

Is-Sindku qal li tressqet talba lilu biex bdiewa li ghandhom l-eghlieqi fi Triq il-Gallina jinghataw il-konkrit halli jwittu t-triq huma stess peress li din hi fi stat imharbat hafna. Kien deciz li l-Kunsill jiehu hsieb li titwitta t-triq u mbaghad jitwassal il-konkrit halli jitferrex mill-bdiewa stess.

**3. Laqgha mal-GTA**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kellu laqgha mal-President tal-GTA fejn kien diskuss il-qaghda hazina li tinsab fih Triq Wied il-Ghasri. Fuq dan is-suggett ghandha tinzamm laqgha mal-Ministeru ghal Ghawdex halli naraw kif tista' tissolva din il-problema tat-hsarat fit-triq.

**4. Laqgha mal-Meusac**

Inzammet laqgha ma' Ms Maria Schembri u ma' Ms Lavinia Aquilina bhala rapprezentanti mill-Meusac. Din il-laqgha nzammet halli ninghataw taghrif u nsibu opportunitajiet fejn nistghu napplikaw ghall-fondi tal-EU. Gie ssuggerit lilhom li 'l quddiem napplikaw ghal fondi flimkien ma' Din l-Art Helwa ghall-izvilupp tal-progett tal-Fanal ta' Gordan. Fl-istess waqt nistghu wkoll napplikaw ghal "co-financing" mill-fondi tal-Gvern ghal dan il-ghan.

Fl-istess laqgha ssemmiet ukoll il-programm li qed jaghmel ta' kull sena l-Kunsill taghna bi Skola-Sajf fejn jinghata taghlim fid-drama lill-istudenti li jattendu. Peress li tezisti l-possibilta li napplikaw ghal-fondi fuq dan il-progett, se jinzammu aktar laqghat ghal dan l-iskop. Fil-fatt, is-Sindku diga kellem lis-Sur George Mizz u dan diga qed jahseb x'jista jkun is-suggett li se jittratta.

**5. Bini ta' Hajt ta' Ghalqa**

Is-Sur Frank Formosa qal li tresqet talba lilu biex jinbena hajt ta' ghalqa fi Triq Ghammar. Fuq din it-talba se jkunu qed jintbaghtu l-haddiema tal-Ministeru ghal Ghawdex halli jinbena.

**6. Ittra mis-Sur Emanuel Mizzi**

Quddiem il-Kunsill tressqet u giet diskussa ittra li ntbaghtet mis-Sur Emanuel Mizzi.

Hu qed jghid li hu ghandu propjeta tieghu ghalqa fi Triq il-Fanal u snin ilu kien qal lis-Segretarju biex jitranga l-hajt tal-kantun li kien bena l-Kunsill stess go raba fi Triq il-Fanal.

Il-Kunsill innota li fil-propjeta msemmija ghaddejjin proceduri legali u ghalhekk ma ghandniex nidhlu fil-merti tal-kaz sakemm tinqata' l-kawza. Hekk kif ikun hemm decizjoni mill-Qorti, l-Kunsill ikun jista' jara jekk jaccettax din it-talba jew le.

**VII. Hlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata giet accettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez mal-minuti.

Il-laqgha tal-lum intemmet fit-8.00p.m.

Andrew Vella
Sindku

Joe Camilleri
Segretarju Ezekuttiv

Data : _________________